# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-11 ta' Mejju 2001**

**Citazzjoni numru 1483/95 GC**

**George u Pauline konjugi Cini**

**vs**

**Louis Tabone**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi huma kienu nkarigaw lill-konvenut jezegwixxi applat ta' tlett bibien tal-kewba;

Illi in konsiderazzjoni ta' l-istess applat, l-atturi hallsu lill-konvenut is-somma ta' tlett mitt lira maltin (Lm300) bhala kapparra;

Illi l-konvenut ghal zmien tiwl baqa' ma ezegwiex l-appalt minkejja li kien inghata diversi opportunitajiet biex ilesti x-xoghol;

Illi l-atturi jixtiequ jxolju l-appalt stante li l-konvenut baqa' inadempjenti fl-obbligazzjoni minnu assunta u biex jirkupraw il-kapparra li hallsu lill-konvenut;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:

1. tiddikjara li l-appalt li kellu jezegwixxi l-konvenut ghall-atturi huwa xolt u terminat stante l-inadempjenza tal-konvenut li jibda u jlesti l-appalt;

2. tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lll-atturi s-somma ta' tlett mitt lira (Lm300) rapprezentanti l-kappara li thallset lilu in konsiderazzjoni ta' l-appalt;

Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv mid-data ta' l-appalt sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi debitament konfermat bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi fl-ebda hin l-eccipjent ma gie inkarigat jezegwixxi appalt ta' tliet bibien tal-kewba kif qed jallegaw l-atturi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tieghu;

Rat illi l-konvenut gie debitament awtorizzat li jippresenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn gie eccepit illi t-talba attrici hi preskritta bid-dekors ta' hames (5) snin u illi l-ircevuta esibita a fol.16 bid-data tat-8 ta' April 1990 fiha firma li mhux tal-konvenut u ghalhekk l-istess ricevuta hi falza;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat illi in vista tal-eccezzjonijiet ulterjuri gie nominat bhala espert kalligrafu Joseph Gafiero sabiex jezamina l-firma li tidher fid-dokument esibit a fol.39 u jirrelata bil-miktub jekk din il-firma hijiex tal-konvenut;

Rat ir-rapport tal-imsemmi espert tekniku konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-22 ta' Mejju 2000;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ottubru 2000;

Ikkonsidrat:

Fic-citazzjoni l-atturi ppremettew li huma kienu nkarigaw lill-konvenut jezegwixxi appalt ta' tlett bibien tal-kewba u kienu hallsu akkont, lill-istess konvenut, is-somma ta' tlett mitt lira maltin (Lm300). Skond l-atturi l-konvenut naqas li jesegwixxi u jlesti dan ix-xoghol u ghalhekk l-istess atturi jridu li dan l-appalt jigi xolt u li l-konvenut ihallas lura l-imsemmija somma ta' tlett mitt liri maltin (Lm300). Il-konvenut da parti tieghu eccepixxa illi huwa fl-ebda hin ma gie inkarigat mill-atturi sabiex jezegwixxi l-appalt kif qed jippretendu l-istess atturi. L-istess konvenut eccepixxa ulterjorment li t-talba attrici hi preskritta bid-dekors ta' hames (5) snin u illi l-firma li tidher fuq ir-ricevuta a fol.16 mhux il-firma tieghu u ghalhekk l-istess dokument hu falz;

In sostenn ta' l-imsemmija eccezzjonijiet tieghu l-konvenut, fil-kors tad-deposizzjoni tieghu, qal li huwa qatt ma nghata l-appalt biex jghamel il-bibien in kwestjoni. Huwa jghid li ghamel biss stima ghar-rigward ta' dawn il-bibien, liema stima ma gietx accettata mill-atturi. Inoltre l-konvenut isostni li l-pagament indikat mill-atturi sar bhala pagament akkont in konnessjoni ma xoghol iehor tal-injam u mhux in konnessjoni mal-imsemmija bibien. In effett huwa jallega li ghad ghandu jiehu bilanc minghand l-atturi in konnessjoni ma dan ix-xoghol l-iehor;

Il-konvenut pero' mhux konvincenti u mhux affidabbli. Dak li jghid il-konvenut mhux ghal kollox kredibbli. Il-konvenut ma pproducja l-ebda prova oggettiva in sostenn ta' dak li qal. Huwa jsemmi terza persuna, li pero' ma gietx prodotta. L-atturi jaccettaw li l-konvenut kien ghamel fuq inkariku taghhom xoghol iehor qabel ma nghata l-appalt in kwestjoni. Huma pero' kkonfermaw li l-ammont miftiehem li kellu jiehu l-konvenut kien ferma anqas mid-depositu li thallas minnhom ghar-rigward tax-xoghol tal-bibien in kwestjoni;

In effett il-konvenut jsostni li l-firma li tidher fid-dokument a fol.39 mhux tieghu. Dan id-dokument hu r-ricevuta ghar-rigward tat-Lm300 li l-atturi jsostnu li hallsu lill-konvenut bhala akkont tax-xoghol tal-bibien in kwestjoni. Dwar dan l-istess dokument l-espert tekniku, fir-relazzjoni tieghu, kkonkluda li huwa minnu li r-ricevuta in kwestjoni giet preparata u miktuba mill-attrici Pauline Cini, pero' jirrizulta ukoll li l-istess ricevuta hi ffirmata appuntu mill-konvenut. Ir-rapport tal-espert tekniku gie esaminat bir-reqqa u ma jirrizulta xejn li jista jwassal sabiex il-konsiderazzjonijiet kollha, li ghamel l-espert tekniku, u l-konkluzjonijiet kollha, li wasal ghalihom l-istess espert, ma jigux accettati u adottati mill-Qorti. Ghalhekk jirrizulta sufficjentement ippruvat li l-konvenut iffirma r-ricevuta in kwestjoni minn fejn jirrizulta li s-somma ta Lm300 thallset mill-atturi lill-konvenut bhala akkont tal-prezz tax-xoghol tal-bibien in kwestjoni. Dan kollu ukoll jikkonferma li in effett l-atturi taw l-appalt in kwestjoni lill-konvenut u jikkonferma ukoll li l-atturi hallsu lill-istess konvenut is-somma indikata fic-citazzjoni;

Jista jinghad ghalhekk li mill-provi prodotti jirrizulta sufficjentement ipprovat li l-atturi kienu qabbdu lill-konvenut biex jghamel tliet (3) bibien tal-kewba. Din l-ordni saret fit-8 ta April 1990 u dak in-nhar stess l-atturi hallsu akkont lill-konvenut is-somma ta' tlett mitt liri maltin (Lm300) kif jirrizulta mir-ricevuta a fol.39. Jirrizulta ukoll li l-partijiet ma ftehemux fuq terminu li fih kellhom jigu konsenjati l-bibien, pero' jirrizulta li l-konvenut naqas li jikkonsenja dawn il-bibien fi zmien ragjonevoli. In vista ta' dan kollu t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati u ghandhom jigu akkolti;

Konsegwentement ghandhom jigu rigettati l-eccezzjonijiet kollha kif sollevati mill-konvenut, inkluz dik rigwardanti l-preskrizzjoni. Din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tista tigi qatt akkolta stante li l-konvenut naqas li jindika l-artikolu tal-ligi li fuqu qed jibbaza din l-eccezzjoni u inoltre naqas li jipproduci provi dwar din l-istess eccezzjoni;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha tal-atturi u ghalhekk tiddikjara li l-appalt li kellu jezegwixxi l-konvenut ghall-atturi huwa xolt u terminat stante l-inadempjenza tal-konvenut li jibda u jlesti l-appalt u tikkundanna l-konvenut ihallas lura lill-atturi s-somma ta' tlett mitt lira (Lm300) rapprezentanti l-kappara li thallset lilu in konsiderazzjoni ta' l-istess appalt u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni cioe mis-17 ta' Ottubru 1995;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.